**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 16 ta' April 2019**

**Rikors numru 162/2017/1JVC**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 162/2017 datata 28 ta' Marzu 2017 fl-ismijiet:**

**Automated Revenue Management Services Limited**

**vs**

**Kunsill Lokali Rabat**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ai termini ta' l-artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn is-socjeta' Kunsill Lokali Rabat ippremettiet:

Illi permezz tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi l-esponenti gie mitlub mill-mittenti sabiex ihallas is-somma ta' tlettax-il elf sitt mija u tnejn u sittin ewro u tlieta u hamsin centezmu (Eur13,662.53) rapprezentanti bilanc allegatament dovut ghall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u elettriku, spejjez amministrattivi, *connection u disconnection fee*s, flimkien ma' imghax in konnessjoni ma' *Fairy Lights* fil-

fond bl-indirizz Banca Giuaratale, Pjazza Indipendenza, Victoria, Ghawdex.

Illi l-esponenti jikkontesta dan il-hlas, in kwantu (i) fl-ewwel lok irid jigi evalwat jekk dan il-hlas mitlub huwa preskritt a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili; u (ii) fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess peress li l-Kunsill esponenti qatt ma kellu xi tip ta' konnessjoni mal-*meter* in kwistjoni, jew inkella mal-*Fairy Light*s li lilhom jirrigwarda l-istess *meter*.

Talab lil dina l-Onorabbli Qorti:

Tiffissa dan ir-rikors ghas-smiegh u dan kif hemm ipprovdut fl-istess artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited illi eccepiet:

1. Illi l-ammont mitlub huwa dovut u dan kif jirrizulta mir-rendikont, kopja hawn anness u mmarkata bhala Dok A.

2. Illi ma huwiex minnu li l-Kunsill rikorrenti qatt ma kellu xi tip ta' konnessjoni mal-meter in kwistjoni, u dan kif jirrizulta mill-applikazzjoni li saret minn Miriam Attard ghan-nom tal-Kunsill Lokali tar-Rabat ghas-servizz ta' l-elettriku hawn annessa u mmarkata bhala Dok B.

3. Illi minkejja li dan is-servizz gie offrut lill-Kunsill Lokali tar-Rabat, huwa naqas milli jeffetwa l-pagamenti dovuti u kien ghalhekk illi s-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited kienet kostretta tintavola l-ittra ufficjali taht l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu kollha michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti u l-provi kollha fl-atti;

Rat illi fil-verbal tas-7 ta' Frar, 2019 ir-rikors thalla ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan ir-rikors gie ntavolat mir-rikorrent Kunsill Lokali Rabat, Ghawdex ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Permezz ta' dan ir-rikors qieghed jigi kkontestat id-debitu ta' tlettax il-elf sitt mija u tnejn u sittin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€13,662.53) reklamati

minn Automated Revenue Management Services Limited li allegatament jirrapprezentaw bilanc dovut ghall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u tal-elettriku, spejjez amministrativi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imghax dovut fuq l-ammont skont il-Ligi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000133419 provduti mill-fond bl-indirizz Banca Giuratale Fairy Lights, Pjazza l-Indipendenza, Rabat, Ghawdex (ara ittra ufficjali bin-numru 162/17 a fol. 23 tal-process).

Illi r-rikorrent Kunsill Lokali Rabat ikkontesta dan il-hlas fuq zewg binarji preliminarjament li l-ammont huwa preskritt a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u fit-tieni lok li l-Kunsill Lokali Rabat, Ghawdex qatt ma kellu xi tip ta' konnessjoni mal-meter jew mal-Fairy Lights fl-indirizz citat fil-paragrafu precedenti.

Illi l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li a bazi tieghu sar ir-rikors mir-rikorrent Kunsill Lokali Rabat jaqra kif isegwi:

> 466. (1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rapprezentanza legali ta' korp maghqud stabbilit bil-ligi jew b'rapprezentanza legali ta' xi kumpannija jew korp iehor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taht kull ligi, sabiex jigbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lill-korp maghqud stabbilit bil-ligi, ikun irid jagixxi sabiex jingabar lura dejn dovut lid-dipartiment tal-gvern jew lil xi ufficcju amministrattiv tieghu jew lill-korp maghqud stabbilit bil-ligi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, cens, pizijiet ohra fuq beni, kumpens ghall-okkupazzjoni u jew ghal dritt

ta' xi licenzja jew dritt jew taxxa ohra dovuti, huwa jista' jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-registratur, imhallef jew magistrat li fiha huwa ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:

Izda d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti ghall-provvediment ta' ilma u elettriku u ghall-kiri ta' meters relatati izda ma ghandhomx japplikaw meta qabel ma tinghata n-notifika mehtiega taht is-subartikolu (2), il-persuna li minghandha l-ammont qed jigi mitlub tkun avzat lir-rikorrent sew permezz ta' att gudizzjarju jew permezz ta' ittra registrata li qeghdha tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provvediment jew il-kiri ta' dak il-meter.

(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ghandha tigi notifikata lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju u ghandu jkollha l-istess effett daqs li kieku kienet gudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi zmien ghoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bhala wahda nfondata.

(3) Ir-rikors prezentat skont is-subartikolu (2) ghandu jigi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jipprezenta

risposta fi zmien ghoxrin jum. Il-qorti tghaddi biex tappunta dak ir-rikors ghas-smiegh fil-jum li jigi wara li jghaddi dak iz-zmien.

(4) F'kazijiet ta' xorta urgenti l-qorti tista', wara li jsirilha rikors mill-kreditur jew mid-debitur, tqassar kull zmien perentorju bhalma huwa provdut f'dan l-artikolu bil-mezz ta' digriet li jigi notifikat lill-parti l-ohra.

**<u>L-aggravju tal-preskrizzjoni:</u>**

Illi f'dan l-istadju l-ewwel li ghandha tigi trattata hija l-preskrizzjoni mqajjma mir-rikorrenti Kunsill Lokali Rabat. Il-preskrizzjoni eccepita hija a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. L-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili ghal dak li huwa rilevanti ghall-kaz odjern jaqra:

> 'L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:
>
> (f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku;'

Illi flimkien ma' dan l-artikolu jrid jigi allaccat ukoll l-artikolu 2160 tal-Kodici Civili li gie ntrodott bl-emendi li dahlu ricentament bl-Att numru

1 tal-2017 li dahal fis-sehh fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017). Jinghad li anke li kieku *dato ma non concesso* fil-kaz odjern, din il-Qorti kellha tikkunsidra d-dekors tal-hames (5) snin kif mqajjem mir-rikorrenti Kunsill Lokali Rabat bhala gjustifikat, jirrizulta li legalment dan ma hux bizzejjed sabiex l-eccezzjoni tar-rikorrenti tigi milqugha stante li f'eccezzjoni bhal din ghandhom ukoll jigu sodisfatti l-elementi kontenuti fl-artikolu 2160 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

> '(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, ma jaghtux gurament minn jeddhom waqt il-kawza li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.
>
> (2) Jekk il-gurament jinghata mill-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn ohrajn li l-jeddijiet taghhom gejjin minghand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-haga ghandha tinghata.
>
> (3) Fil-proceduri ghall-gbir ta' debiti li ghalihom hemm referenza fil-proviso ghall-artikolu 2156, meta parti taghti gurament li hija mhijiex debitur, din trid taghti ragunijiet ghaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.'

F'dan ir-rigward ta' rilevanza hija s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-

Appell (Inferjuri) fl-ismijiet **Bottega Del Marmista Ltd -vs- Paul Mifsud et** deciza mill-Imhallef Anthony Ellul fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar elfejn u tmintax (2018) fejn inghad:

*'… Imbaghad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehdu li m'ghandhomx jaghtu lis-socjeta attrici (fol. 38 u 39). Pero' dan ma kienx kaz fejn il-konvenuti nghataw il-gurament decizorju izda fejn huma xehdu minn jeddhom. Ghalhekk ma jistghux jigu applikati l-principji tal-gurament decizorju. Il-qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilta lill-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut:*

*'Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa'.*

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, il-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehdu minn jeddhom. 'Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li*

*jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu.'*

Qabel l-introduzzjoni tal-emendi l-posizzjoni kienet differenti fejn:

*'… Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skont il-ligi, l-attur ma jkunx jista' jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala ammissibli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur.'*[1]

Illi ghalhekk il-pozizzjoni tad-debitur illum inbidlet radikalment stante li issa l-posizzjoni tieghu fl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni saret wahda attiva u dana fis-sens li huwa l-konvenut innifsu li minn jeddu u bil-gurament tieghu waqt il-kawza ghandu jikkonferma li ma huwiex debitur. Fis-sentenza **P & S (C-4860) et -vs- Noel Zammit et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is-sittax (16) ta' Frar elfejn u tmintax (2018) gew ezaminati fil-fond l-effetti tal-emendi fuq l-Artikolu 2160 u hekk inghad:

[1] Vincenza Vella -vs- Carmela armla Sciberras', Prim Awla, Qorti Civili deciza nhar is-16 ta' Jannar 1963

*'…Li forsi ma fehmx il-Konvenut hu, li l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu msemmi fir-rigward tal-artikli 2156(d)u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili.*

*20. Dan l-artiklu jistabilixxi, li min irid jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, ghandu (i)* ***jixhed minn jeddu*** *u (2) jaghti l-gurament waqt il-Kawza li* ***ma hux debitur****. L-anqas ma jista' jghid li* ***ma jiftakarx li l-haga giet imhallsa****, ghaliex dan ix-xorta ta' gurament huwa riservat ghall-eredi tad-debitur tant li fit-test tal-ligi l-kliem uzat huwa "ma jiftakrux" (ara Decizjoni fl-ismijiet Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri tal-Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955).*

*21. Minkejja t-tibdil fil-ligi kif fuq inghad, dawn iz-zewg formuli ta' gurament xorta baqghu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eccezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, minghajr ma tuza t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eccezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal ghall-konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tieghu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu msemmi. …'*

Illi bhala xhieda min-naha tar-rikorrent Kunsill Lokali Rabat tressqet is-Segretarja Ezekuttiva Miriam Attard. Hija tat id-deposizzjoni taghha viva-voce fis-seduta ta' nhar il-15 ta' Dicembru, 2017 (a fol. 35 sa fol. 41 tal-process); fis-seduta ta' nhar it-18 ta' April, 2018 (a fol. 49 sa fol. 60 tal-process); fis-seduta ta' nhar il-14 ta' Gunju, 2018 (a fol. 77 sa fol. 86 tal-process); fis-seduta ta' nhar it-18 ta' Ottubru, 2018 (a fol. 110 sa fol. 115 tal-process); u fl-ahhar xehdet in kontro-ezami fis-seduta ta' nhar id-29 ta' Novembru, 2018 (a fol. 122 sa fol. 124 tal-process).

Illi wara li l-Qorti fliet bir-reqqa dak li qalet is-Segretarja Ezekuttiva Miriam Attard fuq numru ta' okkazzjonijiet, minn imkien ma jirrizulta li hija xehdet minn jeddha li l-Kunsill Lokali Rabat ma ghandux jaghti flus lil Automated Revenue Management Services Limited jew li ma tiftakarx li l-ammont indikat gie mhallas. Anzi, kif issottometta wkoll l-Avukat tas-socjeta' intimata fis-sottomissjonijiet tieghu jirrizulta li l-Kunsill aktar qed jikkontesta l-ammont dovut tant li fin-nota ta' sottomisjonijiet tieghu l-Kunsill jaghmel kalkolu ta' kemm suppost ghandu jigi ordnat li jhallas.

In oltre s-Segretarja Ezekuttiva fix-xhieda taghha tikkonferma li l-fairy lights kienu saru fuq rikjesta tal-Kunsill pero' kellha amment li dawn twahhlu mad-dawl tal-gvern u li kieku kienet taf bil-kwistjoni fil-bidu, kienet tittratta l-kwistjoni b'mod differenti. Hekk stqarret:

> '<u>L-Avukat Dottor Georgine Schembri:</u>
> Mela ghidilna x'taf fuq dawn il-fairy lights.
> <u>Ix-Xhud:</u>

Mela l-fairy lights kienu saru mill-Kunsill mas-sigar tat-Tokk fit-two thousand and;

Il-Qorti:

Jigifieri imma taf li l-Kunsill riedhom.

Ix-Xhud:

Iva, iva l-Kunsill jigifieri anke tender jidhirli kien hareg imma insomma imma l-Kunsill kien ghamilhom il-fairy lights fit-two thousand and four (2004). Issa bhala meter tad-dawl m'ghandix amment li konna applikajna ghax jiena dejjem bil-hsieb go mohhi li ha jkunu jahdmu mad-dawl tal-gvern. Issa dawn il-fairy lights;

L-Avukat Dottor Georgine Schembri:

Ghalfejn kellek dak il-hsieb?

Ix-Xhud:

Ghax ifimni jixghelu mad-dawl tal-gvern. Ghax x'hin jixghel id-dawl tat-triq jixghelu huma u x'hin jintfew huma jigifieri dejjem dak il-hsieb li kelli go mohhi jiena. …'

Illi minn dak li stqarret l-istess Segretarja Ezekuttiva, hija kienet taf li twahhlu l-fairy lights. Tkompli tghid li pero' hija kellha amment li dawn kienu mwahhla mad-dawl tal-gvern. B'ebda mod ma tichad li l-ebda ammont ma huwa dovut jew tistqarr li hija kien minghalija li l-ammont thallas! Aktar tard f'xhieda ulterjuri taghha l-istess xhud tikkonferma li l-Kunsill kien konxju tal-kontijiet tad-dawl in kwistjoni, tant hu hekk li ghazel li jivvota li ma jhallashomx. Dan certament ma jirrizultax ghal dikjarazzjoni bil-gurament kif trid il-ligi li l-ammont mhux dovut jew li ma tiftakarx jekk dawn thallsux.

Illi mix-xhieda taghha wkoll mhux talli ma jirrizultax li hija ddikjarat li l-ammont mhux dovut kif trid il-ligi izda tammetti u tipprezenta evidenza li kien sar pagament lura fis-sena 2010. In oltre, jirrizultaw diversi minuti tal-Kunsill fuq numru sostanzjali ta' snin fejn dawn nonostante li rrikonoxxew l-ezistenza tal-kontijiet pendenti dawn kienu jiehdu vot li l-kont ma kellux jithallas minghajr ma jiehdu ebda pass ulterjuri kif tirrikjedi l-ligi sabiex jikkontestaw l-istess kont jew almenu jaqtghu s-servizz la darba skont huma ma kienx qed jintuza.

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti ma tqisx li l-eccezzjoni tal-konvenuta dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta tista' legalment tirnexxi u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**<u>It-tieni aggravju: Li l-Kunsill ma ghandu l-ebda konnessjoni mal-meter jew mal-Fairy Lights:</u>**

Illi mill-kontenut tal-process odjern jirrizulta li din id-dikjarazzjoni hija ghal kollox infondata. Il-Qorti taghmel referenza ghall-fatt illi sahansitra l-ewwel kelma li lissnet is-Segretarja Ezekuttiva Miriam Attard waqt id-depozizzjoni taghha moghtija fis-seduta ta' nhar il-15 ta' Dicembru, 2017 kienet li l-fairy lights:

*'...kienu saru mill-Kunsill mas-sigar tat-Tokk fit-two thousand and;'* (a fol. 35 tal-process).

Illi di piu' din l-eccezzjoni wisq aktar ma tistax tregi tenut kont li jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita mill-istess Segretarja tal-Kunsill li kien l-istess Kunsill rikorrent li hareg tender sabiex isir l-installazzjoni ta' dawn il-fairy lights. Dan it-tender kien jismu ***'Tender for the installation of fairy lights in Independence Square Victoria, Gozo July 2005'*** (a fol. 90 u 91 tal-process). Mid-dokumenti esebiti mill-istess Segretarja Ezekuttiva Miriam Attard ( a fol. 92 u fol. 93 tal-process) jirrizulta li dan it-tender intrebah minn Mike Farrugia Contractors Ltd rapprezentata minn certu Stefan Farrugia. Fl-offerta mressqa mill-istess kumpanija Mike Farrugia Contractors Limited esebita a fol. 92 tal-process hemm nota cara mizjuda relatata mal-offerta fejn l-offerent ghamilha cara li s-supply tad-dawl mill-Enemalta kienet ser tkun supplita mill-Kunsill Lokali. Di fatti hekk inghad:

> 'Notes to our offer:
> 1. Provision of electrical source of supply by Enemalta is to be procured by the local council.
> 2. Since positioning of Enemalta Electrical supply is not established yet we could not quote for this item. However we are prepared to quote it a rate of Lm2 per liner meter for price guidance.
> 2. Enemalta permits, license fees, police/warden permit fees and any other taxes connected with the works are not included in our offer ....'

Illi minn hawn johrog bic-car li kellu jkun il-Kunsill li ried jipprovdi s-*supply* sabiex il-fairy lights jigu mqabbad mas-servizz tal-Enemalta. Il-fatt li l-Kunsill Lokali Rabat wkoll baghat ittra datata 26 ta' April, 2005 lill-Inginiera Vella (a fol. 94 tal-process) sabiex jitqabbdu dawn il-'fairy lights' mal-provvista tad-dawl jikkonferma li difatti l-kunsill rikorrenti kien ben konsapevoli li kienet responsabilita' tieghu li jgib is-*supply* ghall-*fairy lights*. L-applikazzjoni ghas-servizz ta' l-elettriku saret fuq isem Myriam Attard obo Victoria Local Council Gozo bl-indirizz ikun Banca Giuratale Fairy Lights, Independence Square, Rabat, Ghawdex u l-isem tal-persuna responsabbli li tiftah il-post skont il-bzonn tnizzel dak ta' Myriam Attard ta' Victoria Local Council, Independence Square, Rabat, Gozo. Il-Kunsill ghazel li ghal snin twal jinjora ghal kollox dan il-kont nonostante li kien car lill-istess Kunsill ghal-liema servizz dan kien qed jaghmel referenza u wkoll w'ghal snin twal ghazel li ma jikkontestah bl-ebda mod (li kieku ghamel hekk l-artikolu 466 tal-Kap. 12 ma kienx ikun jista' jigi applikat fil-konfront tieghu). Il-Qorti tistaqsi x'kien qed jipprova jottjeni l-Kunsill billi semplicement inizzel fil-minuti li qed jaghzel li ma jhallasx il-kont minghajr ma jaghmel ebda procedura ohra skont il-ligi! Wisq anqas jirrizulta li l-Kunsill rikorrent ipprova almenu jaghmel talba sabiex jinqata' s-servizz la darba kien ben konxju kif jirrizulta mill-minuti tieghu li l-'fairy lights' ma kienux ghadhom joperaw sabiex almenu jwaqqaf il-kont milli jibqa' jizdied. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti, mill-assjem tal-provi, mihijiex konvinta li l-meter tad-dawl in kwistjoni ntuza biss tul dawn is-snin sabiex jinxteghlu l-'fairy lights' kif qed isostni l-kunsill altrimenti ma kienx ikun hemm il-konsum li gie registrat dan aktar u aktar meta jirrizulta li dan il-meter jinsab fi pjazza principali tar-Rabat,

Ghawdex u fiha jsiru bosta attivitajiet organizzati mill-istess Kunsill Lokali. Il-prova li ma sarx il-konsum kienet tinkombi fuq ir-rikorrent izda din ma tressqitx a sodisfazzjoni tal-Qorti u skont il-ligi.

Illi di piu l-Qorti taghmel referenza ghal bosta nkonsistenzi fix-xhieda tas-Segretarja Ezekuttiva tal-Kunsill Miriam Attard (li xehdet ghal diversi drabi) fejn ghall-bidu kienet qed tinsisti quddiem din il-Qorti li l-Kunsill ma kienx qed jircievi l-kontijiet u li ma sar qatt l-ebda hlas in konnessjoni mal-*meter* ta' dawn il-'fairy lights'. Madanakollu wara li giet rinfaccjata u mitluba diversa dokumentazzjoni fosthom kopji tac-cekkijiet (mill-avukat tal-kumpanija ntimata), irrizulta li fis-sena 2010 permezz ta' cekk number 7152 datat 6 ta' Mejju 2010 kien sar hlas fl-ammont ta' €189.38 in konnessjoni tal-Banca Giuratale Fairy Lights, Pjazza Independenza, Rabat (Ghawdex) – numru tal-invoice: 12280744 u numru tal-kont: 101000133419. U wkoll ghall-kuntrarju ta' dak li kienet xehdet fil-bidu tal-proceduri rrizulta mill-minuti u d-dokumenti kollha esebiti mill-istess Miriam Attard li l-Kunsill kien jaf ben tajjeb ghal liema servizz kienu qed jirreferu dawn il-kontijiet tant li gew diskussi diversi drabi kif gia nghad fil-laqghat tal-istess Kunsill u l-uniku raguni li kienet tinghata ghalfejn il-Kunsill ma riedx ihallas il-kont ghaliex skont kif gie mnizzel il-'fairy lights' ma kienux ghadhom jahdmu. F'dawn ic-cirksutanzi l-Qorti tistaqsi allura l-Kunsill ma qabadx u ha passi sabiex iwaqqaf is-servizz!

Ghal dawn ir-ragunijiet ukoll il-Qorti tqis li dan l-ilment da parti tar-rikorrent Kunsill Lokali Rabat ma huwiex gjustifikat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-assjem tal-provi kollha fl-atti jirrizulta lil din il-Qorti li filwaqt li l-Kunsill kellu kull jedd fil-ligi li jaghzel li jikkontesta l-kontijiet li kien qed jircievi fuq medda twila ta' snin mas-socjeta' intimata, dan ghazel li ma ghamlux w'ghalhekk jahti biss il-Kunsill li gie rinfaccjat bl-ittra ufficcjali ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 ghall-hlas tal-kont, liema kont ma tressqet l-ebda prova sodisfacjenti kif trid il-ligi lil din il-Qorti li mhux dovut kif mitlub.

Il-Qorti tiddeplora wkoll il-mod kif gie trattat dan il-kaz da parti tal-Kunsill stante li mill-process jirrizulta ampju li l-istess Kunsill tramite s-segretarja tieghu beda jiskopri l-fatti tal-kaz tieghu stess minn analizi tad-dokumentazzjoni tieghu, ftit ftit, wara li beda jigi nterpellat sabiex jaghmel dan mill-Avukat tal-kontro-parti fil-mori tal-proceduri. Fil-fatt il-Qorti taghmel referenza ghad-diversi drabi li s-Segretarja Ezekuttiva tal-Kunsill kellha taghti x-xhieda taghha u tigi sospiza stante li ma kinitx tkun taf x'hemm fil-'file' tal-Kunsill stess!

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi t-talba kontenuta fir-rikors tal-Kunsill datat 20 ta' April, 2017 kif isegwi:

1. Tichad l-aggravju tal-preskrizzjoni mqajjem mill-Kunsill rikorrent;
2. Tichad l-aggravju li l-Kunsill qatt ma kellu xi tip ta' konnessjoni mal-meter in kwistjoni, jew inkella mal-Fairy Lights li lilhom jirrigwarda l-istess meter.

Bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri kontra r-rikorrent Kunsill Lokali Rabat, Ghawdex.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur